**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 25 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**-vs-**

**Raymond Kitcher detentur tal-karta ta' l-identita' numru 294903L**

**Kumpilazzjoni Nru. 1014/13**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Raymond Kitcher u ċioè:

1. Nhar it-8 ta' Settembru, 2013, għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart ta' filgħodu (1:45hrs) ġewwa Triq Hompesch il-Fgura, uża kliem jew imġieba ta' theddid, abbużiv jew insolenti jew xort'oħra ġab ruħu b'dak il-mod, bil-ħsieb li b'hekk qajjem vjolenza jew mibegħda kontra Graba Nomoko jew grupp ta' persuni fuq bażi ta' razza, kulur, lingwa, oriġini etnika, reliġjon jew twemmin jew opinjoni politika jew opinjoni oħra jew b'hekk joħloq il-probabbilitàli, meta wieħed iqis iċ-ċirkostanzii kollha, qajjem vjolenza jew mibegħda razzjoni.

2. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza, ikkaġuna feriti ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Graba Nomoko hekk kif ċertfikat minn Dr Martin Mallia miċ-ċentru tas-saħħa ta' Raħal Ġdid.

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallhiex jew fixkel waqt li jkun jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliex lill-Pulizija jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li l-Pulizija jkun għamel skont il-liġi.

4. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza, bil-lejl, kiser il-mistrieħ tan-nies bil-ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta il-prosekuzzjoni rtirat t-tieni imputazzjoni fuq nuqqas ta provi.

Rat l-imputat fis-seduta tallum, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reat ta' tixwix ghall-mibgheda razzjali li jinsab akkuzat bihom l-imputat, kondotta mill-aktar reprehensibbli li

timmina d-dinjita` umana ta' persuna; kondotta li ma ghandhiex postha fi Gziritna. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li hekk kif tixhed il-fedina penali tal-imputat, l-uniku precedent tieghu jirrisali ghas-sena 2000 u bl-ebda mod ma kien relattat ma agir simili ghal dak li qed tinstab htija dwaru. Kien ghalhekk li din il-Qorti tqis li piena karcerarja ma tkunx wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 82A, 338(m) u (ee) tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**